KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 66** **Tlieta 3 t'Ottubru 2023**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:05pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Perit Christopher Grech – Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Francis Deguara – Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier (onlajn)
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici - Kunsilliera
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Danny Farrugia - Kunsillier
George Borg - Kunsillier
Anna Galea – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Jesmond Gauci - Kunsillier

**ASSENTI:**
Keith Cassar – Kunsillier
Dott. Angele Rapa – Kunsillier

**MISTIEDNA:**
Daniel Galea – Accountant
Dr. Antoine Zammit – Perit Studjurban

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

Fis 6:05pm daħal għal laqgħa l-accountant tal-Kunsill u saret sospensjoni ta' l-aġenda biex tkun diskussa l-*item* 66.5.1 Quarterly Report 2 - April sa Ġunju 2023.

**66.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Farrugia u Gauci. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Farrugia u Gauci.

**66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru 64 u 65**

**REF: 44.3.4 – Kommunikazzjoni – Byelaw Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti li fl-aħħar laqgħa talbu biex terġa tintbagħtilhom l-imejl tal bye-law, però is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li xorta baqet ma rċeviet *feedback* mingħand ħadd mil-Kunsilliera. Is-Sindku nforma li ser jdur id-*draft* bye-law hu.

**REF: 46.6.1 Arbitraġġ PAMA**

Is-Sindku nforma li x-xogħol għadu għaddej fil-ġnien ta' Mlit, fejn kellem lid-Direttur tal-Public Works biex jagħtu spinta fix-xogħlijiet. Il-Kunsillier Camilleri staqsa b'liema dritt l-PAMA joħroġ stqarrija li s-saqaf tal-ġibjun huwa perikoluż mingħajr ma saret l-ispezzjoni viżwali tas-saqaf u meta l-Kunsill diġà kien għamel testijiet. Is-Sindku nforma li kien għamel post fuq *facebook* rigward estensjoni tal-PAMA *village* u b'rispons l-PAMA kkummentaw u ħarġet stqarrija fuq ix-Shift News.

Is-Sindku nforma li kif isir spezzjoni viżwali tas-saqaf min taħt, il-Kunsill joħroġ stqarrija fuq ir-riżultat.

Fis 6:30pm daħal għal laqgħa l-Perit ta' Studjurban Dr. Antoine Zammit, u saret sospensjoni ta' l-aġenda biex jkunu diskussa l-*items* 66.5.2 Proġett Slow Streets Pjazza u triq il-Mitħna l-Qadima u REF: 56.3.8 Proġett Project Green.

**REF: 46.4.5 Kommunikazzjoni – Pjanti Triq Difiża Ċivili**

Is-Sindku nforma li wara li bagħat l-ittra, issejħet laqgħa mill-Ministeru. F'din il-laqgħa attenda s-Sindku u is-Segretarju Eżekuttiv, konsulent tal-Ministru, rappreżentant tal-NGO ROTA, u rappreżentanti min Infrastructure Malta (IM), fejn iddiskutejna magħhom dak li kien diskuss fil-laqgħat tal-Kunsill b'mod partikolari l-*bike lane* ta' fuq il-pont.

Ġiet diskussa s-sitwazzjoni preżenti tat-traffiku fuq il-pont. Is-Sindku talab biex ta' l-inqas titneħħa *bike lane* minnhom. Is-Sindku spjega li bejn ir-roundabout tal-Lidl u l-pont kull ma hemm huwa *dual bike lane* fuq naħa minnhom ta' Difiża Ċivili, u għalhekk din għandha titkompla biss fuq naħa minnhom fuq il-pont, cioe dik in-naħa direzzjoni lejn Naxxar. Il-*bike lane* ta' naħa tal Mosta, fejn isir *abseiling* ma dik in-naħa tal-pont għandha titneħħa u f'dik il-wesgħa ta' triq għandu jkun hemm tlett karreġġati għall-karozzi, jiġifieri żewġ karreġġati direzzjoni lejn Naxxar u karreġġata direzzjoni lejn Mosta.

Rappreżentanti ta' IM nformaw li ser jsir proġett in-naħa ta' Vjal Ragusa fejn ser jkun hemm *junction - roundabout,* u qalu li ser jittaffa t-traffiku jew l-istennija biex toħroġ min fuq il-pont direzzjoni lejn in-Naxxar. Il-pożizzjoni kienet ċara li ż-żewġ *bike lanes* mhux ser jneħħuhom. Huma stqarru li bil-proġett tar *roundabout*, fil-*junction* mhux ser jibqa' jkun hemm problema bil-ħruġ. Apparti min hekk il *bike lanes* ma jistgħux jidjiequ għax l-ewwel net mhux ser jkun hemm gwadann fin-numru ta' karreġġati, u il-makkinarju tal-Cleansing Department jekk tidjieq il-*bike lane* ma jkunx jista' jidħol biex tinkines. Apparti min hekk ġie spjegat l-bżonn tal-*bike lane* fuq in-naħa tal-Mosta. Nies li jużaw rota li jridu jmorru Santa Margerita u jkunu ġejjin min Difiża Ċivili, iridu jaqsmu l-pont wara l-ewwel roundabout ta' qabel il-pont, jaqdfu fil-*bike lane* fuq in-naħa tal-Mosta, jiksru lejn Vjal Ragusa direzzjoni lejn Mosta, jaqsmu *zebra crossing* fi triq Vjal Ragusa u jitilgħu mir-rampa tal-Ġnien Vjal Ragusa lejn Santa Margerita. Jekk din il-*bike lane* tan-naħa tal-Mosta titneħħa, l-unika mod li tidħol lejn Santa Margerita huwa li tibqà fuq il-*bike lane* tan-naħa ta' Naxxar, tikser Vjal Ragusa direzzjoni lejn Naxxar u taqsam

b'periklu kbir għal Dawret il-Wied. Biex taqsam min hawn huwa perikoluż ħafna għax hija *blind corner* u qas jekk issir *zebra crossinng* ma tiġi tidher f'din il-kisra perikoluża. Għalhekk il-bżonn taż-żewġ *bike lanes* fuq il-pont.

Fil-laqgħa rrimarkaw l-*bike lane* tan-naħa tal-LIDL trid tkun kontinwa. Il-Kunsillier Camilleri nforma li l-*bike lane* tan-naħa tal-LIDL mhux kontinwa, u mhux ser jsolvu xejn bil-problema li hemm. Is-Sindku qal li fil-laqgħa ssemmiet li din ser tkun kontinwa għaliex fi Vjal Ragusa ser titkompla l-*bike lane.*

Saret diskussjoni fejn bosta membri preżenti ma qablux mal-proposta ta' IM. Is-Sindku nforma li waqt li laqgħa li kellhom, huwa talab lir-rappreżentanti ta' IM biex jibgħatu l-pjanti.

Is-Sindku spjega ukoll li waqt din il-laqgħa, huwa ħa l-opportunità jispjega li la issa ser issir parti min Vjal Ragusa, dan il-proġett għandu jestendi sal-*junction* ta' Qalbiena Mostin u propju hemm għandha tiġi studjata *junction* li tkun sigura possibbilment b'*roundabout.*

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li ma taqbilx mad-deċiżjoni ta' IM, u fuq nota oħra il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li ġibdulha l-attenzjoni fuq Difiża Ċivili, li kif taqbeż ir-*roundabout* tal-LIDL fl-aħħar biċċa ma hemmx indikazzjoni ċara ta' sinjali ma l-art liema karreġġata jridu jaqbdu s-sewwieqa, u bosta qed jaqbdu l-karreġġata l-ħażina u saru xi inċidenti.

Il-membri preżenti qablu li ser nistennew il-pjanti mingħand IM biex dawn jiġu diskussi.

Fis-7:30pm Il-Kunsillier Camilleri talab biex jkun skużat.

**REF: 50.5.6 Phase 3 Lighting Pjazza**

Is-Sindku nforma li kien tkellem ma l-Onor. Alex Muscat fejn informah li skont hu l-fondazzjoni tista' tuża l-flus biex jsir dawl fil-madwar tal-pjazza quddiem il-Bażilika, u għalhekk l-Onor. Muscat għandu jitkellem mal-fondazzjoni, però għadu ma kellimx lis-Sindku lura b'risposta. Sadanittant is-Sindku spjega li l-Kunsill għandu jmexxi bl-ordni tal-arbli li ser jiġu nstallati fil-pjazza, simili għal li hemm diġa nstallati fil-pjazza għaliex l-infrastruttura u r-*rodding* mill-*isleeves* għandu jkun lest. Ma dawn l-arbli jridu jeħlu l-*light fittings* u anke l-ħames kameras li ser jagħtuna r-reġjun Tramuntana kif ukoll il-kamera eżistenti li hemm illum fil-pjazza.

**REF: 52.3.7 Skema ERA CCTV Kameras – FOND AMBJENTALI ERA**

Is-Sindku fakkar li kif kienu qabblu l-kunsilliera, l-fond ta' l-ERA ta' madwar €75,000, ser jintuża għal proġett ambjentali biex jsir restawr fuq il-ġiebja tinħoloq *Belevedere* li tinsab ġewwa ġnien l-Għarusa tal-Mosta minflok jintużaw fuq CCTV kameras. Il-kameras issa ser jiġu provduti mir-Reġjun.

Parti min dan il-fond irid jintuża wkoll biex jitneħħew siġar/arbuxelli invażivi, u jitħawlu oħrajn flokhom. Għalhekk, issa jmiss li jsir il-kuntratt jew MOU mall-ERA.

Is-Sindku nforma li ltaqa mal-Perit tal-Kunsill Etienne biex jagħmel pjanti u BOQ biex nkunu nistgħu napplikaw għal permess mal-Awtorità tal-Ippjanar. Il-perit tal-Kunsill talab *survey* u għalhekk għandha tinħareġ WO.

**REF: 52.5.4 Mosta Bridge Lighting – Under**

Dwar id-dawl li kellu jsir taħt il-pont mil-fondi tal-LESA, is-Sindku fakkar li kif ġie maqbul fil-Kunsill u b'approvazzjoni tal-LESA d-dawl ser jsir fi Vjal Ragusa direzzjoni lejn Mosta sa *zebra crossing* u jekk ikun hemm biżżejjed fondi tiżdied il-*walkway* tal-konkos mas-*soft area* li tagħti għal triq Santu Rokku. Bħala Kunsill aħna fil-proġett ta' Vjal Ragusa nistgħu nonfqu €30,136.50 + noħorġu 20% magħhom total ta' €36,163.80 eskluż VAT.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dan il-proġett tad-dawl fil-*walkway* irid isir fis-sena 2024 peress li qabel irid jitlesta l-proġett ta' Vjal Ragusa min Infrastructure Malta (IM). Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lis-Sindku biex jara liema dwal ser nagħżlu għax iridu nibgħatu l-BOQ lil-LESA. Huwa spjega li qed jistenna lill-Micamed jibgħat proposta.

**REF: 52.5.6 Bye Law Reklami fuq Għamara ta' Toroq**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-avukat lesta l-emenda ta' l-abbozz legali, però ntbagħtet lura mid-DLG biex l-avukat jirranġa xi kliem mil-abbozz legali.

**REF: 55.4.1 Spustjar Permanenti ta' parti mill-Monti**

Is-Sindku nforma li ser jsir inventarju bil-lista tal-bejjiegħa tal-monti u ħa tiġi mqassma ittra lil-bejjiegħa tal-monti biex jirrispondu fi żmien ġimgħa. Jekk naraw li bħala risposti mhux kulħadd irrisponda, ser nibgħatu impjegat tal-Kunsill jduruhom wieħed wieħed u jridu jimlew id-dettalji dak il-ħin. Min jibqa' ma jimlhiex id-dettalji, mhux ser jirċievi nformazzjoni mil-Kunsill li jista' joħroġ min żmien għal żmien.

**REF: 55.5.2 Update - Ingaġġ ta' Skrivan Skala 15**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rġajna ħriġna l-avviż, u sar *facebook boost* bi ħlas biex l-avviż jkollu aktar pubbliċità. L-avviż għalaq fit-2 t'Ottubru, u applikazzjonijiet rċevejna tnax. Issa jmiss li l-bord jevalwa l-applikazzjonijiet u jsiru l-*interviews.*

**REF: 56.3.2 Applikazzjoni Triq Freddie Micallef**

Is-Sindku nforma li rċevejna risposta mill-is-Street Naming Committee, liema risposta ġiet iċ-ċirkolata mal-Kunsilliera, fejn infurmaw li l-isem tat-triq għadda mill-proċessi u l-approvazzjonijiet kollha u għaldaqstant se jkun qed jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.

**REF: 56.3.7 KLMQ-01-2019 Youth Worker Service**

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li l-Youth centre għadu jiffunzjona ser tgħinhom isaħħu il-preżenza tagħhom fuq *social media.*

L-aħħar laqgħa li għamlu saret fis-26 ta' Settembru, fejn kien hemm tmienja preżenti u tnejn fuq *video call* għax kienu msiefrin. Huma jiltaqgħu darba fil-ġimgħa. F'Ottubru sa jibda grupp ġdid ta' bejn 10 u 11-il sena.

**REF: 56.3.8 Proġett Project Green**

Is-Sindku nforma li kienu saru l-konsultazzjonijiet mall-entitajiet, fejn is-*Superintendence of Cultural Heritage* (SCH) kienu irrispondew li ma jsibux oġġezzjoni għal proġett, u kien fadal jirrispondu CRPD u ERA fejn dawn ta' l-aħħar irrispondew li ma jsibux oġġezzjoni, u kien fadal ukoll Transport Malta (TM) fejn dawn ma jsibux oġġezzjoni lanqas in-prinċipju imma bagħtu ittra biex il-Kunsill jaddotta l-parkeġġi skont il-*policies* ta' TM, irrelevanti jekk jsirx il-proġett jew le, liema *policies* qed jiġu annessa bħala Appendiċi B.

Is-Sindku kompla jispjega li l-parkeġġi li huma kontra l-*policies* ta' TM huma tal-Pulizija, tal-Health Centre, tal-Kunsill, tas-Silver T, Agrikoltura (illum GAB u qabel ELC) u tas-Servizz.Gov.

L-arċipriet l-anqas mhux suppost jkollu *parking bay*, imma waħda mit-tnejn li għandha l-parroċċa tista' titħalla peress li kien inħareġ il-permess fil-passat fl-2005. TM tista' però tikkunsidra għad-diskrezzjoni tagħhom jekk isir spjegazzjoni ċara għaliex hemm bżonn, liema talbiet iridu jsiru mill-entitajiet ikkonċernati.

Saret diskussjoni, fejn uħud mil-Kunsilliera ma qablux, però din hija l-*policy* u rridu nimxu magħha għalissa. Il-membri preżenti talbu li wara li l-Project Green tissottometti l-applikazzjoni, ħalli f'dan l-istadju mmexxu bil-permess skond il-*policies* ta' TM, is-Sindku jikteb lil TM biex issir oġġezzjoni u/jew applikazzjoni jew laqgħa ħalli l-Kunsill jispjega li għandu jkollu aktar minn parkeġġ wieħed. L-entitajiet l-oħra, jekk jixtiequ jridu jagħmlu t-talbiet huma. Il-Kunsill huwa obbligat biss li jiżbogħ dawk ir-*road markings* skond il-*policies* u kif approvati minn TM. Anzi l-Kunsill huwa obbligat jiżbogħ u jneħħi dak kollu li huwa bla permess f'dan lis-stadju, immaterjali mill-proġett ta' *Project Green* hekk kif mitlub fl-ittra minn TM.

Is-Sindku kompla jaqra l-ittra ta' TM fejn irrirmarkaw wkoll li l-*loading/unloading bay* fil pjazza qiegħda wisq viċin id-*disabled parking bay.* Il-Perit Dr. Zammit ser jivverifika ma TM.

Bħala *speed limit* fil-pjazza approvaw il-proposta li tkun 20km p/hour. Il-Perit Dr. Zammit nforma li kellu laqgħa mal-Ministru u qed jgħidu li x'aktarx ser jagħmlu kullimkien 30km p/hour flok 20km p/hour. Is-Sindku nforma biex inħalluha 20km p/hour skont l-approvazzjoni jew rakkomandazzjoni ta' TM.

Fis 7:05 daħal għal-laqgħa il-Kunsillier Farrugia.

**REF: 58.3.1 Cleaner għal-uffiċini tal-Kunsill**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-avviż għalaq fis-7 ta' Settembru 2023 fejn rċevejna applikazzjoni waħda, saret l-*interview* u ntgħazlet l-applikanta li bdiet mil-1 t'Ottubru 2023.

**REF: 58.3.2 Toroq u Sqaqien (inkluż dawk iffinanzjati mid-DPF)**
Is-Sindku nforma li ltaqa mal-Perit tal-Kunsill dwar triq Dun Mikiel Xerri, triq Charles J. Vassallo, sqaq Xorxa u sqaq San Anton Abbati, u bagħat lil-entitajiet governattivi u l-kumpaniji GO plc. EPIC u Melita għall-konsultazzjoni, kif nirċievu risposta jsiru l-BOQ's.

**REF: 58.4.3 Traffic Calming Measures Triq il-Mitħna**
Is-Sindku nforma li għandu jiltaqa ma uffiċjali ta' Transport Malta (TM), minħabba t-*traffic lights*, b'mod partikolari minn fejn ser nieħdu d-dawl għall-*pelican crossings* u qed nistennew approvazzjoni dwar lis-*sleeping police.*

**REF: 59.3.5 Roundabouts: LIDL/l-Pont u Monument fil-pjazza (Obelisk)**
Is-Sindku nforma li nħarġet il-*works order* lil Studurban għal-*photomontage* u l-viżwali, u nforma li waslet l-istima ta' kemm ser jiġi jiswa l-obelisk liema spiża ħa tkun madwar €220,000 u madwar €30,000 it-*tension rods* ta' ġewwa. Huwa stqarr li issa li għandna l-istima tal-Obelisk nistgħu mmexxu bil-promozzjoni għall-finanzjament tal-Obelisk, hekk kif qed iħejji ktejjeb il-kumitat maħtur. Il-Kunsilliera qablu.

**REF: 59.3.11 - SPI/SCI/03/2023 Espressjoni ta' Interess: The World Cleanup Campaign 2023**
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil-Kunsilliera Bonnici li biex nkun nistgħu nipproċedu bil-*claim* hemm bżonn ritratti tal-attività. Is-Sindku nforma li it-tindif għadu mhux komplut peress li

għamlet ix-xita u għalhekk jrid jitkompla. Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li kif jitkompla jitnaddaf tibgħat ir-ritratti kollha.

**REF: 61.3.2 Street Naming**
Dwar it-toroq l-Kunsilliera Bonnici nfurmat li l-Kunsillier Deguara bagħat imejl u għalhekk trid tiġi diskussa waqt Traffic Management Committee.

**REF: 61.3.4 Skrapjar ta' Vetturi**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-ftehim ġie ffirmat, u talbet laqgħa mas-Surġent tal-Community Police.

**REF: 61.4.1 Għajnuna lil-Għaqdiet bil-ħlas tal-Wardens.**
Dwar il-*wardens* li provdejna lill-għaqdiet waqt l-attivitajiet, skont l-iskema tar-reġjun. Is-Sindku nforma li tkellem mar-reġjun, u bħala proċedura irridu nibgħatu l-*invoices* u l-irċevuti fiskali għal-rimborż. Dawn huma tal-festa u attivitajiet għal *fire engines*, wardens, *barriers* u Transport Malta. Inklużi wkoll dawk li l-Kunsill iddeċiedi li jagħti uffiċjali lill-għaqdiet kif approvati fil-Kunsill.

**REF: 61.4.2 Użu ta' Parkeġġ fl-Iskejjel**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l garanzija bankarja ta' €2,500 ma saritx, għax il-bank infurmawna li jrid l-ewwel jiġi ffirmat l-MoU. Il-Kunsillier Borg tkellem mas-Sur Vassallo, u ser jkun hemm klawsola li fiż-żmien xahar jkun hemm il garanzija, possibbilment lejn l-aħħar t'Ottubru bidu ta' Novembru jkun ffirmat l-MoU.

**REF: 61.4.3 Dog Bins**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bagħtet il-lista lil-Kunsilliera Bonnici, u għad trid titkellem mal-kuntrattur tal-knis, biex jingħata l-prezz biex jitbattlu d-*doggy bins* u jsir addendum.

**REF: 62.3.2 Tenders**
Il-bord tad-tenders nforma li għadhom ma rawx it-tenders għal approvazzjoni qabel ma jkunu ppublikati.

Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet fakkret liema huma t-tenders li ġew *drafted.*

- KLMT 04-2023 - Road Maintenance of Access and Access only roads and ancillary works
- KLMT-06-2023 Street Sweeping Services in the locality of Mosta, using Environmentally friendly service vehicles.
- KLMT 05-2023 Supply of Christmas street lighting decorations
- KLMT 02-2023 Cleaning and Upkeep of Public Convenience
- KLMT 01-2023 Upkeep & Maintenance of Parks Gardens & Soft Areas

Bħala evalwazzjoni s-Segretarju Eżekuttiv reġgħet fakkret lil-bord li jridu jevalwaw dawn it-tenders;

- KLMT 03-2022 Services - Provision of General Architectural Services to the Mosta Local Council.
- KLMT 03-2023 Services - Provision of Insurance Services Policies to the Mosta Local Council

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex terġa tagħmel appuntament mal-konsulent biex il-bord jevalwa t-tender KLMT 03-2023 Provision of Insurance Services Policies to the Mosta Local Council, u LMT 03-2022 Services - Provision of General Architectural Services to the Mosta Local Council. Is-Sindku talab wkoll biex jiġi wkoll *drafted* tender ġdid għal-ħasil tat-toroq u l-Pjazza.

Il-Kunsilliera Bonnici talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex jekk tibqà ma jkollhiex *feedback* mil-Kunsilliera kull darba li tibgħat għal-*feedback,* tagħti ġimgħa ċans u tmexxi bil-pubblikazzjonijiet tat-tenders.

**REF: 62.4.5 Statwi tal-Bronż**
Dwar ir-restawr ta' l-istatwi tal-bronż ta' EB Vella u Dun Anġ Camilleri, is-Sindku nforma li tkellem mas-Sur Chris Ebejer, fejn informah li għandu jagħtih kwotazzjoni.

**REF: 62.4.6 Electric Charging Pillars.**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti li ntbagħtet imejl lil-Kunsilliera bil-lista biex jagħtu *feedback,* però ma rċevietx risposti u hemm bżonn li nirrispondu malajr. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tagħtih ċans jara l-imejl qabel ma tikkonferma.

**REF: 63.4.3 Pelican Lights fejn is-Subaru**
Is-Sindku nforma li llum kellu laqgħa ma Infrastructure Malta (IM) fuq il-*junction* ta' Pantar, fejn il-Kunsill kien nformahom biex kemm jista' jkun tkun, tittaffa l-problema li hemm fejn is-Subaru billi tiġi ndirizzata l-*junction* ta' Pantar, fejn ħafna karozzi joħorġu minn Pantar u jiġu jdawru mar-*roundabout* tas-Subaru u jerġgħu jkomplu bid-direzzjoni lejn Ħal-Lija. Is-Sindku stqarr li dan kien diġà rrimarkah u spjegah lir-residenti u l kull min attenda fil-laqgħa ta' konsultazzjoni li kienet saret f'Jannar 2023. Dan il-fatt joħloq traffiku fil-*junction* ta' Subaru bla bżonn.

IM qabdu konsulenti biex jagħmlu xi disinni fejn talbu lis-Sindku jattendi laqgħa. Għamlu *traffic counts* tat-traffiku li jiġi min Pantar, min ħal-Lija u min fejn is-Subaru, fejn urew *draft* lis-Sindku li kienet tinkludi ħruġ min-Pantar għal ħal-Lija, ir-*roundabout* ta' quddiem KIND's tispiċċa u jsir *junction* bil-*lights,* u possibbilment ir-*roundabout* ta' fejn Franġisku Pisani tiġi *junction* bil-*lights* wkoll.

Is-Sindku żied jgħid li jekk iż-żewġ *roundabouts* jispiċċaw min joħroġ mit-Technopark jridu jitilgħu min triq Frangisku Pisani, u jduru mar-roundabout ta' ħdejn Scott, għalhekk it-tieni *rundabout* idealment tibqà hemm. Is-Sindku dan irrimarkah fil-laqgħa li kellu. Is-Sindku kompla jgħid li l-*counts* li nġabru issa jridu jiġu mmudellati mill-konsulenti barranin ta' IM u jaraw jekk il-*junction* proposta taħdimx jew le. Il-Kunsill ser ikun infurmat b'dawn l-iżviluppi aktar il-quddiem.

**REF: 63.4.5 Ta' Bistra**
Is-Sindku nforma li sal-aħħar ta' Ottubru l-*junction* ta' Jupiter tkun lesta minn IM.

**REF: 64.3.3 Park and Ride**
Dwar il-*park and ride* biex jkun hemm servizz ta' *park and ride* nhar ta' Tnejn meta jkun hemm il-monti, mit-8:00am sa 12:00pm, fejn tluq jkun min-ġnien l-Għarusa tal-Mosta, u l-passiġġieri jitnizzlu quddiem il-Mumuso.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ntalbu l-kwotazzjonijiet u ntbagħtu lil Kunsilliera.

- Silver Star Transport ikkwotaw €50 mit-tmienja sa nofsinhar (VAT eskluż)
- Garden of Eden Transport €50 għal kul *mini-bus* (VAT eskluż)
- Scerri Transport €45, però jistgħu joffru s-servizz mit-8:30 il-quddiem minħabba l-iskejjel (VAT eskluż).

Il membri preżenti, iddiskutew il-kwotazzjonijiet u approvaw il-kwotazzjoni tas-Silverstar.

Kompliet id-diskussjoni, fejn il-Kunsilliera Bonnici ssuġġeriet li jkun hemm *mini bus* oħra mil-Housing Estate min fejn il-Girl Guides sal-*bus stop* ta' fejn il-Lord Nelson, li tkun kull nofs siegħa mis-7:00am sa l-4:00pm. Dan is-servizz jkun għal xagħar mit-Tnejn sal-Ġimgħa, sakemm tinfetaħ triq il-Kbira minħabba li t-trasport pubbliku mhux jgħaddi min Vjal Indipendenza. Il-membri preżenti qablu biex nitolbu kwotazzjonijiet.

**REF: 64.3.5 Parks and Gardens**

Is-Sindku nforma li ser jikteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tiżdied l-allokazzjoni tal-Parks and Gardens, minħabba li issa Ġnien l-Għarusa tal-Mosta ġie devolut lil-Kunsill, u anke minħabba siġar li jitħawlu min żmien għal żmien min Infrastructure Malta (IM), fejn wara ċertu snin dawn jaqaw f'idejn il-Kunsill bħal ma diġa ġara.

**REF: 64.3.7 Small Medium Enterprises (SME)**

Is-Sindku nforma li f il-laqgħa organizzata mill-SME's lill-membri tagħhom, fejn huwa kien mistieden jattendi, bosta proposti diskussi u maqbula fil-laqgħa tal-Kunsill ġew preżentati l-membri tal-SME's u dawn qablu magħhom in-prinċipju. Rigward *loading/unloading bays* dawn jixtiequ li jkunu sa l-12:00pm. Qablu wkoll li tingħalaq it-triq mis-Sibt 17.00 sal-Ħadd tard bil-lejl, u fil-*weekends* u fil-festa week (9-15) l-pjazza tkun *pedestrian 24 x 7,* fejn is-Sindku żied jgħid li għad irridu nistudjaw li ngħalqu għat-tlett xhur tas-sajf kuljum kull filgħaxija, u li aktar il-quddiem fil-viċinanzi terġa tissejjaħ laqgħa organizzata mill-Kunsill man-negozji kollha wara l-*feedback* mil-SME's.

Fit-8:50pm talab biex jkun skużat mil-laqgħa l-Kunsillier Farrugia, u l-membri preżenti unanimament qablu li l-ħin tal-laqgħa jiżdied b'nofs siegħa sa l-9:30pm.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 64 u 65.

**66.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku**

**66.3.1 - Bins taż-Żejt**

Ġejna avviċinati minn RefabLightblue, li bħalissa għandhom il-*bins* blu fil-Mosta għall-ġbir tal-ħwejjeġ.

Qed jitolbu jekk jistgħux jżiedu *bin* ieħor għar-riċiklaġġ taż-żejt kif ġej:

1. Bin taż-żejt fi Triq il-Lunzjata ħdejn il-*bin* tal-ħwejjeġ blu
2. kontenitur taż-żejt fi Triq l-Għadajjar ħdejn il-blue bin tal-ħwejjeġ

Qed jitolbu wkoll permess biex jżiedu *bin* ieħor tal-ħwejjeġ fi Triq l-Għadajjar f'santa Margerita, peress li l-*bin* attwali ħafna drabi jkun mimli. Il-membri preżenti qablu li ma jiżdiedux aktar *bins.*

**66.3.2 - Cir AKL 2023/085 Laqgħat Skemi ta' parkeġġi residenzjali fil-lokalitajiet f' Malta u Għawdex**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rċevejna ċirkulari dwar skemi ta' parkeġġi residenzjali, liema ċirkulari ntbagħtet lil-Kunsilliera nhar is-27 ta' Settembru, biex il-membri preżenti jkunu jistgħu jagħtu l-*feedback* tagħhom illum, għax wara l-laqgħa tal-lum trid timtela l-formola u tintbagħat. Is-Sindku nforma li ser japplika wara li tkun diskussa *traffic management committee.*

**66.3.3 - Deviation Triq il-Kostituzzjoni**

Is-Sindku nforma li hemm ix-xogħol għaddej fi triq Il-Kostituzzjoni fejn saret trinka ta' l-Enemalta min fejn il-Best & Less sas-*substation* ta' Franks, u hemm arblu quddiem Choc-Au-Lait, fejn is-Sindku talab lil Enemalta biex jitneħħa, u l-*cables* jitilgħu mal-ħitan. L-istima tal-cables biex jitneħħa dan l-arblu hija ta' €4,269. Il-membri preżenti approvaw l-istima biex jitneħħa l-arblu.

**66.3.4 – Cir AKL 2023/086 President's Fun Run 2023**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li din is-sena il-President's Fun Run ser issir nhar is-Sibt, 11 ta' Novembru 2023. Il-postijiet tat-tluq se jkunu tnejn: fit-15:00 mill-Palazz Verdala u fit-15:30 mill-Palazz ta' San Anton, ġewwa Ħ'Attard.

Din is-sena l-uffiċċju tal-President qed jitolbu l-għajnuna tagħna billi possibbilment, Il-Kunsilli Lokali kollha jorganizzaw trasport mil-lokalitajiet rispettivi tagħha għall-Palazz ta' Verdala. Ovvjament, is-servizz irid jerġa jingħata lura, mill-Belt Valletta għal-lokal, fi tmiem il-mixja.

Il-membri preżenti approvaw li bħala Kunsill noffru t-trasport, u l-Kunsillier Zerafa ser jieħu ħsieb jiċċekkja rigward it-trasport. jiċċekkja rigward it-trasport.

Fid-9:15pm Il-Kunsillier Zerafa talab biex jkun skużat mil-laqgħa.

**66.3.5 Siġar tal-Ficus**

Is-Sindku nforma li tkellem mas-CEO ta' l-ERA fuq il-possibbiltà li jinqalgħu tnax il-siġra tal-Ficus mill-pjazza u dawn jerġgħu jitħawlu x'imkien ieħor u flokhom jitħawlu siġar oħrajn. Is-Sindku spjega li CEO tal-ERA nfurmah li trid issir applikazzjoni fejn f'din l-applikazzjoni rridu nuru fejn ser jitħawwlu mill-ġdid is-siġar tal-ficus u x'ser jitħawwel minflokhom fil-pjazza.
Il-membri preżenti approvaw, u s-Sindku għandu jieħu ħsieb li ssir laqgħa ma uffiċjali tal-ERA fuq il-post u wara ssir l-applikazzjoni mitluba. il-Kunsilliera qablu mall-prinċipju li jinqalgħu t-tnax il-siġar tal-ficus mill-pjazza.

**66.3.6 Street Lighting Toroq Kungress Ewkaristiku u Kostituzzjoni**

Is-Sindku nforma li d-dwal fit-toroq Kungress Ewkaristiku u Kostituzzjoni, ma jurux biżżejjed. Dawn saru fi żmien minn Enemalta, u għalhekk nforma li dawn nistgħu noħduwhom fuqna bħala Kunsill u jsiru *hanging.* Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li meta l-Kunsill kien ġibed l-attenzjoni lill-Enemalta fuq id-dawl, l-Enemalta kienu qalulna li l-*wattage* huwa skond ir-rekwiżiti ta' l-EU, fejn is-Sindku rrisponda li mhux il-kas , u l-Enemalta ma għandhomx l-istess sitwazzjoni f'toroq arterjali oħra. Din is-sitwazzjoni hija biss fil-Mosta.

Il-Kunsillier Deguara staqsa meta ser jsiru, peress li l-accountant tal-Kunsill għadu kemm ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar id-*deficit*, apparti li din il-leġislatura tispiċċa ftit xhur oħra. Is-Sindku nforma li dawn isiru dejjem wara li naraw il-fondi tal-Kunsill jippermettux. Rigward

leġislatura, s-Sindku qal li dan il-Kunsill għandu dritt jagħmel proġetti sa tmiem il-leġislatura aħseb u ara meta fadal kważi 9 xhur.

Il-membri preżenti qablu li lampi jkunu devoluti lil-Kunsill, u talbu lis-Sindku li jġib konferma mil-Enemalta li l-Kunsill jista' jagħmel dawn id-dwal *hanging* bil-wattage aktar qawwi kif mitlub mir-residenti.

**66.3.7 Maintenance Agreement Pavimentar Pjazza**
Is-Sindku nforma li wara li jkun lest il-pavimentar tal-pjazza, jrid jsir *Maintenance Agreement* tal-pavimentar, fejn ta' kull sena il-kuntrattur li għamel il-pavimentar jieħu ħsieb il-manutenzjoni. Dan jidħol fis-seħħ wara li jkun għadda z-żmien ta' garanzija obbligatorju kif hemm fuq it-tender tal-kuntrattur, u għalhekk ser tintalab stima għal-spezzjoni u manutenzjoni ta' darba fis-sena.

Il-Kunsilliera Bonnici ssuġġeriet li ssir *bye-law* biex min ser jkun qed juża makkinarju fuq il-pavimentar jħallas aktar depożitu, anke dawk li sempliċiment ħa jgħaddu mill-pjazza min fuq il-pavimentar u mhux ser jieqfu biex jagħtu servizz.
Is-Sindku żied jgħid li fil *bye-law* jrid jkun hemm *speed limit* ta' mhux aktar 20km, it-tunellaġġ massimu ta' vetturi u makkinarju li jistgħu jgħaddu, trasport pubbliku jkun jista' jgħaddi min fuq il-pavimentar bla ħlas, jrid jkun hemm garanzija ta' ammont li raġonevoli (u mhux bħal ma jsir illum) għal min ser jaħdem fuq il-pavimentar u ma nħallux *heavy vehicles* jgħaddu mill-pjazza bla ma jagħtu servizz fil-pjazza.

Jrid jkun hemm wkoll *bye-law* oħra għat-*tables and chairs* għal meta tingħalaq il-pjazza u mhux kulħadd jarma kemm jrid. Din trid tkun rata *per square meter*, u għalhekk il-ħwienet jkunu intitolati biex jpoġġu aktar mwejjed u siġġijiet bi ħlas maqbul mill-Kunsill. Kif ukoll il-*bye-law* trid tinkludi li bħala umbrelel, mwejjed u siġġijiet jkunu ta' kulħadd l-istess kulur u bla reklami. Il-*bye law* għanda tinħareġ wara li ssir il-laqgħa mal-ħwienet.

**66.3.8– Deputat Segretarju Eżekuttiv Raħal l-Ġdid.**
Is-Sindku nforma li s-Segretarju Eżekuttiv tal-Mosta ġiet msejjħa tkun deputat Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill ta' Raħal Ġdid għax-xahar t'Ottubru. Is-Sindku nforma li d-Direttur Ġenerali nformah li d-DLG ma kellux għalfejn jressaq dil-materja għal-approvazzjoni tal-Kunsill, imma meta s-Sindku kellem lil Onor. Zerafa Civelli qaltlu li d-Dipartiment jrid jitlob il-permess tal-Kunsill, u jekk il-Kunsill ma jaqbilx jrid jtella din il-materja waqt laqgħa tal-Kunsill.

Għalhekk is-Sindku nforma li biex xogħol li għandna l-Mosta ma jaqbilx li tkun deputat Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill ta' Raħal Ġdid, għalhekk talab lil-membri preżenti jekk jaqblux miegħu. Il-membri preżenti qalu li ma jaqblux li s-Segretarju Eżekuttiv tal-Mosta tkun deputat tal-Kunsill ta' Raħal Ġdid, u għalhekk is-Sindku ser jibgħat imejl f'isem il-Kunsill.

**66.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
**66.4.1 Defibrillator**
Il-Kunsilliera Abela staqsiet jekk il-Kunsill għandux defibrillator, u s-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li iva, però l-Kunsill qatt ma ddeċieda fejn tista' teħel. Saret diskussjoni fejn tistax teħel, u l-membri preżenti qablu li din teħel fejn ic-*cycling club* li hemm triq Id-Dawr.

**66.4.2 Roundabout Housing Estate.**

Il-Kunsillier Borg staqsa meta ser issir ir-*roundabout* tal-Housing Estate. Is-Sindku nforma li s-siġar lesti kollha u talab stima lil Halmann biex isir kurduna tal-qawwi jew lava madwar ir-roundabout. Kif tkellimna qabel din għandha tiċċekken pied minħabba manuvrar aħjar tal-karozzi tal-linja.

**66.4.3 Magazine tal-Kunsill**

Il-Kunsillier Deguara nforma li għalkemm il-Kunsill kien qabel li joħroġ f'Settembru, Settembru għadda wkoll u staqsa lil membri preżenti biex jkun hemm deċiżjoni għal-pubblikazzjoni. Saret diskussjoni u l-membri preżenti qablu li joħroġ qabel il-Milied.

**66.4.4 Ħarġa tal-Kunsill**

Il-Kunsillier Deguara nforma li l-aħħar ħarġa saret Smart City, u l-ħarġa li jmiss hija għas-26 t'Ottubru fil-kunvent tal-Kapuċċini l-Furjana.

**66.4.5 Bozza triq il-Barrieri**

Il-Kunsillier Deguara nforma li talbuh biex issir bozza fi triq il-Barrieri, fejn is-St. Mary Clinic għax mudlam. Is-Sindku nforma li hemmhekk jrid isir fanal mil-antiki ma *phase 4.*

**66.5 Rapporti**

**66.5.1 Quarterly Report April sa Ġunju 2023**

L-accountant tal-Kunsill is-Sur Galea ippreżenta l-*quarterly report* minn April sa Ġunju 2023, li jinkludi ir-rapport min Jannar sa Ġunju 2023.

Paġna 4 - Statement of Comprehensive Income, dħul u ħruġ fuq natura rikorrenti li ma jinkludux proġetti.
Dħul €987,541 u Ħruġ €966,803, fejn fuq natura rikorrenti kien hemm *surplus* ta' €20,738.

Paġna 7 - Bħala dħul hemm aktar dettalji ta' x'kien id-dħul fl-ewwel sitt xhur tas-sena. Dan jikkompara tajjeb mal-baġit li sar ta' €1,704,898.

Paġna 8 - Bħala ħruġ nota 6, fejn jidħlu pagi u kontribuzzjonijiet, sa Ġunju l-Kunsill nefaq €158,376. Is-somma bbaġitjata sa l-aħħar tas-sena hija ta' €350,850.

-Operations and Maintenance nota 7, sa Ġunju l-Kunsill nefaq €649,631. Is-somma bbaġitjata sa l-aħħar tas-sena hija ta' €1,125,600. L-accountant nforma lil membri preżenti li l-manutenzjonijiet li saru fuq it-toroq huma *patching* u mhux *resurfacing* għax *resurfacing* jiddaħħal bħala kapital.

-Il-*waste disposal* l-infiq huwa aktar min dak li bbaġitjajna għax il-Wasteserv f'Jannar li għadda rrevediet it-*tipping fees,* imma l-ġbir ta' l-iskart qed jiġi inqas min kemm konna nħallsu qabel.

L-accountant nforma li bħala spejjez oħrajn qegħdin mal-baġit, però huwa importanti li jinġabru l-flus li għandna niġbru mil l-iskemi.

-Amministrazzjoni, is-somma bbaġitjata sa l-aħħar tas-sena hija ta' €74,000 u sa Ġunju l-infiq kien ta' €39,906.

L-accountant nforma li dawn in-numri huma fuq natura rikorrenti, u jekk wieħed jħares lejn in-numri tas-sitwazzjoni akkumulata, f'paġna 5, il-Kunsill għandu riżerva ta' €249,285. Jekk wieħed jara x'għandu jdaħħal u x'għandu jħallas il-Kunsill, hemm *working capital* ta' €249,285 li huwa FSI ta' 17%, fejn il-Kunsilli għandhom l-obbligu li jżommu FSI ta' 10% ta' l-allokazzjoni.

Note 12, paġna 9: L-accountant kompla jispjega li s-somma ta' €249,285, wasalna għalija għax il-Kunsill għandu jirċievi flus min-skemi li jammontaw għal €554,605.

Note 13: Bħala flus il-bank hemm €445,831, imma min dawn il-Kunsill għandu *commitments* ta' €753,937, jiġifieri jekk dawk il €554,605 ma jidħlux il-Kunsill ma jkollux fejn jħallas lil min għandu jitħallas, u tinħoloq problema ta' *cash flow.*

Is-Sindku enfasizza mas-Segretarju Eżekuttiv illi iridu naħdmu u nirsistu biex niġbru l-flus li għandna niġbru u jekk hemm xi nuqqasijiet mill-Kunsill biex dawn jinġabru, naraw li dawn jiġu ndirizzati mmedjatament. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li lil-handyman tal Kunsill tlett xhur ilu tagħtu lista ta' affarijiet li jridu jsiru skont ir-rapport tal-MCCAA, u kien informa li ma jistax jleħħaq minħabba x-xogħol li qed jkollu, u għalhekk li kien fadal ltaqat miegħu biex jordna.
Ma kienx hemm aktar domandi u l-membri preżenti approvaw il-Quarterly Report 2: April sa Ġunju 2023, liema rapport jkopri min Jannar sa Ġunju 2023.

**66.5.2 Proġett Slow Streets Pjazza u triq il-Mitħna l-Qadima**
Is-Sindku nforma li peress li Infrastructure Malta (IM) ser jagħmlu t-toroq li kienu skedati għal din is-sena, li huma triq Callus, triq it-Torri, triq Xorxa, parti min triq Cassar u triq Tonna, u vjal il-Mitħna l-Qadima (l-pjazza), u peress li kien hemm xogħol ta' l-Enemalta li dam biex sar u issa tlesta, is-Sindku tkellem ma IM li l-Kunsill għandu ħsibijet illi l-pjazza fejn hemm ir-roundabout ta' Ċikku Fenech tkun iddisinjata biex ma tibqax kif inhi u hawn għandu jsir parkeġġ addattat. Din il-proposta kienet punt min diversi *items* ta' Slow Streets.

Is-Sindku nforma li ż-żona eżistenti riedet tibqà rispettata għax *green area* u għalhekk ma tistax tagħmilha konkos jew tarmak biex jiddaħħlu parkeġġi, għalhekk il-Perit Dr. Zammit, pprepara disinn fejn tkun rispettata l-*green area* kif wkoll jiddaħħlu kemm jista' jkun parkeġġi.

Il-Perit ta' Studjurban Dr. Zammit qasam mal-membri preżenti il-proposta ta' disinn għal approvazzjoni tal-Kunsill, liema proposta qed tiġi annessa bħala Appendiċi A.

Waqt il-preżentazzjoni il-Kunsillier Zerafa ssuġġerixxa li ssir *open air library,* fejn il-Perit Dr. Zammit ħa nota biex tkun implimentata fid-disinn, wara l-*cabinets* fejn dawn jistgħu jingħalqu. Il-Perit Dr. Zammit nforma li ġie ssuġġeriet wkoll biex iz-*zebra crossing* li hemm tkun *raised,* fejn is-Sindku nforma li jekk ser tkun *raised* jrid jinħaseb *gutter* għal ilma tax-xita.

Il-membri preżenti approvaw id-disinji tar-*roundabout* ta' Ċikku Fenech li ġew preżentati min Studjurban u taw il-kunsens lill-perit biex jibda l-konsultazzjoni ma TM, CRPD u ERA ħalli wara napplikaw mal-Awtorità tal-Ippjanar. Is-Sindku spjega li f-din il-pjazza hemm żewġ arbli koroh u diversi *aerial lines* u huwa tal-fehma li dawn is-servizzi jinżlu taħt l-art.

**66.5.3 Update - Development Funds as at 03.10.2023**
*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa, kif wkoll b'imejl.

**66.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**66.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 143. Il-Kunsillier Deguara staqsa kif hemm bosta pagamenti fuq il-handyman tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li skont il-kuntratt jista' jagħmel *subcontracting.*

Il-membri tal-Kunsill approvaw il-pagamenti.

**66.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*

Il-membri tal-Kunsill approvaw il-pagamenti.

**66.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*Works Orders*.

Il-membri tal-Kunsill approvaw il-*works order list*.

**66.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-listi tal-*petty cash.*

Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-listi tal-*petty cash* li jkopru xahar t'Awissu u Settembru 2023 . Il-membri tal-Kunsill approvaw il-lista tal-*petty cash.*

**66.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fid-9:30pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-31 t'Ottubru 2023 fis-6:00pm.

Konfermati llum 3 t'Ottubru 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Perit Chris Grech | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |